MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Rikors Ta Revoka Numru. 73/2006/1

Rikors Nru: 73/2006
Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament numru 10/2003 fl-ismijiet

Thomas u Catherine konjugi Cauchi

vs

Lawrence Caruana

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Lawrence Caruana pprezentat fl-1 ta' Settembru, 2006 fejn espona:

Illi l-esponent ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet premessi liema mandat inhareg fit-30 ta' Mejju 2003.

Illi l-esponent jirrileva illi l-mandat odjern huwa null minhabba illi ma fihx numru tal-karta ta' l-identita' ta' Thomas u Catherine Caruana liema numru huwa rikjest taht piena ta' nullita' skond l-artikolu 174(2) tal-Kap 12.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-mandat odjern huwa wkoll irritu u null minhabba illi gie pprezentat f'Qorti zbaljata. L-esponent diga' kellu okkazzjoni jirrileva dan f'rikors tieghu precedenti pero' qieghed jerga' jaghmel din is-sottomissjoni minhabba illli mandat ta' zgumbrament wara sentenzi tal-Bord iridu jigu pprezentati fil-Prim Awla.

Illi l-artikolu 264(1) tal-Kap 12 ighid hekk:

"Barra minn fil-kazijiet eccettwati f'dan il-Kodici, l-esekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-**<u>Qorti</u>** li minnha jigu moghtija, ghalkemm l-esekuzzjoni jkollha ssir barra mil-limiti tal-gurisdizzjoni lokali ta' dik il-Qorti".

Ra li fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2006 il-mizzewgin Cauchi taw ruhhom b'notifikati bir-rikors u opponew it-talba.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati.

Ikkunsidra:

1. Illi Lawrence Caruana qed jitlob li l-mandat fuq imsemmi ghandu jigi mhassar billi ma hemmx in-numru tal-karta ta' l-identita' tal-mizzewgin Cauchi u dan b'referenza ghall-artikolu 174(2) tal-Kap 12. Ir-referenza hi ghas-subinciz (a)

2. Kull skrittura jew att iehor li ghandhom jigu notifikati, ghandu jkollhom maghhom
a) in-numru tal-karta ta' l-identita', jekk ikun il-kaz, jekk il-persuna qed taghmel it-talba fil-kapacita' taghha".

Il-htiega li jsemmi l-artikolu 174(2)(a) saret bl-Att XXXI tat-2002 u giet fis-sehh fl-1 ta' Settembru 2003 bl-avviz legali 2080 tal-2003. Il-mandat inhareg fit-30 ta' Mejju 2003

qabel ma dahal it-tibdil msemmi u ma hemm l-ebda nullita'. Bhala zieda jinghad li fil-Kodici tal-Procedura dwar il-karta ta' l-identita', ma tissemma l-ebda nullita' kif qed jigi allegat. In-nuqqas ukoll jista' jigi msewwi kif jinghad fl-istess kodici ghaliex kif jghallem il-Laurent it-thassir ta' att hu "*un mezzo estremo cui il legislatore non ricorre che in caso di necessita"* (ta' siwi dwar nullita' huma s-sentenzi "Vincent E Ciliberti noe et vs Andrew Galea et" (Appell mill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, deciza fid-9 ta' Frar 2005 u 'Carmelo Meli vs Anthony Sammut et", Appell Kummercjali 22 ta' Dicembru 1970).

Ghalhekk l-ewwel kawzali qed tigi michuda.

3. It-tieni kawzali hi li billi l-Bord mhux Qorti, ma ghandu l-ebda setgha li jordna l-esekuzzjoni ta' sentenza. Huwa minnu li skond il-gurisprudenza dan it-tribunal mhux 'Qorti' (ara Appell Kostituzzjonali 'Kummissarju ta' l-Artijiet vs Ignatius Licari noe', 30 ta' Gunju, 2004). Izda fl-artikolu 265 jinghad li 'f'kaz ta' Appell, jekk is-sentenza moghtija mill-Qorti fi grad ta' appell twettaq dik moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad, l-esekuzzjoni ssir mill-Qorti ta' l-ewwel grad". Jinghad ukoll li "fil-kaz ta' sentenzi moghtija mill-Qorti Inferjuri u li minnhom ikun sar appell ghall-Qorti ta' l-Appell, l-esekuzzjoni tas-sentenzi ssir dejjem mill-Qorti ta' l-ewwel grad ukoll meta l-Qorti ta' l-Appell thassar is-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad. Dan is-subartikolu japplika ukoll ghall-Bord li Jirregola l-Kera. Dan anke bl-applikazzjoni tramite ezercizzju interpellattiv tas-subinciz (12) ta' l-artikolu 266 li jipprovdi ghall-esekuzzjoni provizorja ta' sentenzi b'ordni tal-Qorti li jiddikjara illi f'dak l-artikolu 'il-frazi' "Qorti ta' l-Ewwel Grad ghandha tiftiehem bhallikieku tinkludi referenza ghall-Bord li Jirregola l-Kera" (Joseph Zammit vs Carmelo Dingli, rikors 3/2000, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 28 ta' Dicembru 2001, sentenza in parte)."

4. F'dan il-kaz kien hemm sentenza moghtija mill-Bord li giet konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Il-Kap 12 jaghti s-setgha lil Bord, li wara li jsir rikors ghall-zgumbrament jiddeciedi fuqu hu ghalkemm hu 'tribunal' u

mhux ‘qorti’. Dak li jinghad fit-tieni parti tar-rikors mhux is-sewwa.

5. Ghalhekk il-Bord jichad ir-rikors ta’ Lawrence Caruana bl-ispejjez kontrih u jordna li l-mandat jigi mwettaq.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------